MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1881/2002

***Citadel Insurance plc kif surrogata fil-jeddijiet ta' l-assikurata taghha Maria Concetta Pace u l-istess Maria Concetta Pace***

***vs***

***Paul Farrugia***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine et., s-somma ta' seba' mija u tlieta u tletin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm733.62) rappresentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine et., li minnhom Lm150 thallsu mill-attrici Pace bhala *excess* fuq il-polza ta' assikurazzjoni u l-kumplament ghamlet tajjeb ghalihom is-socjeta' attrici, bhala konsegwenza ta' incident stradali fil-post u d-data indikati bejn vettura numru JAA 916 misjuqa mill-konvenuta u

vettura numru MND 182, misjuqa minn Mandy Pace, ghal liema incident jahti unikament il-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta’ Awissu 2001 u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat bil-procedura tal-publikazzjoni, baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Edmund Zammit Laferla ghas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut u pprezenta sett ta’ tmien dokumenti in sostenn tat-talba attrici mmarkati bhala Dokumenti EZ1 sa EZ8, konsistenti fir-*road accident report*, ricevuti tal-hlasijiet effetwati in konnessjoni mal-hsarat sofferti fil-vettura ta’ l-attrici, *survey report*, ritratti tal-hsarat sofferti fil-vettura ta’l-attrici, *subrogation form* u ricevuta ta’ l-*excess payment* maghmul mill-attrici.

Sema’ ukoll ix-xhieda ta’ Mandy Pace li xehdet illi filwaqt li kienet qed issuq f’St.Joseph High Road, Hamrun fid-direzzjoni lejn Fleur-de-Lys, il-konvenut hareg minn triq sekondarja, Edinburgh Street u sehhet il-kollizzjoni. Il-konvenut baqa’ hiereg minghajr ma waqqaf.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici nomine et. s-somma ta’ seba mija u tlieta u tletin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm733.62), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta’ Awissu 2001 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------